DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2316

tat-12 ta' Diċembru 2017

li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/176/KEE li tikkonċerna l-mappi li għandhom jiġu pprovduti għan-network Animo

(notifikata bid-dokument C(2017) 8316)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħha,

Billi:

(1) Biex tintroduċi sistema kompjuterizzata li tgħaqqad l-awtoritajiet veterinarji (in-network Animo) il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjonijiet 91/398/KEE ([2]), 92/175/KEE ([3]), u 92/176/KEE ([4]).

(2) Id-Deċiżjoni 91/398/KEE u d-Deċiżjoni 92/175/KEE tħassru u n-network Animo ġie sostitwit mill-għodda tal-ġestjoni online, is-Sistema Veterinarja Kompjuterizzata u Integrata (TRACES) li tkopri r-rekwiżiti sanitarji kollha fuq il-kummerċ intra-UE u l-importazzjoni ta' annimali, semen u embrijuni, ikel, għalf u pjanti.

(3) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni 92/176/KEE titħassar.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 92/176/KEE hija mħassra.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/398/KEE tad-19 ta' Lulju 1991 dwar network komputerizzat li jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet veterinarji (Animo) (ĠU L 221, 9.8.1991, p. 30).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/175/KEE tal-21 ta' Frar 1992 li tistabbilixxi l-lista u l-identita tal-unitajiet tax-xibka kompjuterizzata Animo (ĠU L 80, 25.3.1992, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/176/KEE tat-2 ta' Marzu 1992 li tikkonċerna l-mappi li għandhom jiġu pprovduti għan-network Animo (ĠU L 80, 25.3.1992, p. 33).